# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 24 ta' Settembru 2024**

**Nru: 6**

**Rikors Nru. 796/2023 HM**

## EveryMatrix Software Limited

**v**

## Tipbet Limited

### Rikors ġuramentat

1. Fir-rikors ġuramentat tagħha, EveryMatrix qalet:-

i. Illi l-esponent hija debitament awtorizzatha sabiex tagħmel dan ir-rikors għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' **EveryMatrix Software Limited (C 51832)** permezz tal-prokura hawn Annessa bħala Dok. EM1.

ii. Illi permezz ta' kuntratt imsemmi *Software Services Agreement* datat it-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), is-soċjeta' rikorrenti nomine **EveryMatrix Software Limited (C 51832)**, kienet toffri lis-soċjeta' intimata servizzi ta' *software relatati ma* l-logħob tal-azzard hekk kif indikat f'*Appendix A* tal-imsemmi kuntratt. Kopja tal-imsemmi kuntratt (inkluż l-emendi tal-istess kuntratt permezz ta' *Addendums*) anness u mmarkat bħala Dok. EM2.

iii. Illi s-soċjeta rikorrenti tispjega illi minħabba nuqqas da parte tas-soċjeta intimata sabiex tħallas l-ammont dovut abbażi tal-kuntratt fuq imsemmi, u dan minkejja diversi tentattivi sabiex l-ammonti dovuti jiġu imħallsa, s-soċjeta rikorrenti utilizzat id-dritt tagħha permezz ta' klawżola 14.2 fl-istess kuntratt, u għalhekk itterminat l-kuntratt permezz tal-ittra datata tnax (12) ta' Lulju elfejn tnejn u għoxrin (2022) u effettiva sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju elfejn tnejn u għoxrin (2022) hawn annessa bħala Dok EM3.

iv. Illi sad-data effettiva ta' terminazzjoni, l-ammont dovut mingħand is-soċjeta' intimata abbażi tal-kuntratt fuq imsemmi huwa ta'erbgħa u ħamsin elf, ħamsin Euro, wieħed u sebgħin ċenteżmu (€54,050.71) (hekk kif indikat fir-rendikont tad-debitu hawn anness u mmarkat bħala Dok.EM4).

v. Illi sar attentat da parte tas-soċjeta' rikorrenti sabiex titlob l-ammont dovut permezz ta' Ittra Uffiċjali datata dsatax (19) ta' Lulju tlieta u għoxrin (2023)

(hawn annessa u mmarkata bħala Dok. EM5). Minkejja dan l-attentat, is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti u b'konsegwenza, s-soċjeta intimata wettqet ksur materjali tal-kuntratt bejn il-partijiet.

2. Għalhekk hija talbet lill-Qorti dan li ġej:-

i. Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' erbgħa u ħamsin elf, ħamsin Euro, wieħed u sebgħin ċenteżmu (€54,050.71) rappreżentati ta' ammont dovut abbażi tal-proviżjonijiet tal-kuntratt imsemmi Software Services Agreement datat it-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019);

ii. Tikkundanna u tordna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrent s-somma ta' erbgħa u ħamsin elf, ħamsin Euro, wieħed u sebgħin ċenteżmu (€54,050.71);

iii. Bl-imgħax u bl-ispejjeż inkluż tal-Ittra Ufficjali bin-numru 3115/2023 u kwalunkwe mandat kawtelatorju maħruġ kontra s-soċjeta intimata li hi minn issa nġunta in subizzjoni.

3. In-notifika tas-soċjetà intimata saret bl-affisjoni u l-pubblikazzjoni tar-rikors skont l-artikolu 187(2) tal-Kap. 12.[1]

4. Is-soċjetà intimata ma ppreżentatx risposta ġuramentata fit-terminu stipulat fil-liġi. Għalhekk, hija ġiet iddikjarata kontumaċi fis-6 ta' Marzu 2024.[2]

**Fatti**

5. Fit-22 ta' Mejju 2019, is-soċjetà rikorrenti 'EveryMatrix Software Limited' (is-'soċjetà rikorrenti' jew 'EveryMatrix') u s-soċjetà intimata 'Tipbet Limited' (is-'soċjetà intimata' jew 'Tipbet') daħlu f'*software service agreement* (il-'Ftehim'),[3] li permezz tiegħu EveryMatrix obbligat ruħha li tipprovdi lil Tipbet servizzi ta' software relatati mal-logħob tal-azzard, liem servizzi ġew spjegati fid-dettal fi Skeda A tal-Ftehim. Ebbe Groes, direttur ta' EveryMatrix, fl-affidavit tiegħu jispjega li l-iskop tal-Ftehim kien li EveryMatrix twettaq:-

> an integration of the Tipbet website to the EveryMatrix proprietary software namely, 'CasinoEngine' which was the intended platform to be used by Tipbet for casino content. The CasinoEngine platform aggregates third party software from third party MGA licensed casino game software developers and EveryMatrix resells the content to its clients such as is the case with TipBet.[4]

[1] Ara n-nota ta' EveryMatrix f'paġni 106-109. Dan wara d-digriet tal-Qorti tal-31 ta' Ottubru 2023 (f'paġna 85), fejn ġiet milqugħa t-talba ta' EveryMatrix f'dan ir-rigward.
[2] Ara l-verbal tas-6 ta' Marzu 2024, f'paġna 111.
[3] Ara s-*software service agreement* bejn EveryMatrix u Tipbet datat it-22 ta' Mejju 2019, kif ukoll l-iskedi annessi miegħu u s-sussegwenti emendi li saru fih, f'paġni 7-69.
[4] Ara l-affidavit ta' Ebbe Groes, direttur tas-soċjetà rikorrenti, f'paġni 77-80.

6. Għas-servizz, Tipbet obbligat ruħha li tħallas lil EveryMatrix numru ta' pagamenti mensili, kompriżi fi spejjeż operazzjonali (*operational costs*), spejjeż għall-konformità tal-operazzjoni (*compliance requirements operational costs*), kif ukoll persentaġġ mil-qliegħ tagħha (*profit sharing*). Mal-iffirmar tal-Ftehim, Tipbet ħallset depożitu ta' €21,000 (li fil-Ftehim ġie msejjaħ 'ISD').

7. Ġara li wara l-4 ta' Frar 2022, Tipbet ma komplietx tagħmel il-pagamenti li kellha tagħmel skont il-Ftehim, minkejja in-numru ta' interpellanzi li hija rċeviet min-naħa ta' EveryMatrix. Minħabba f'hekk, EveryMatrix għażlet li teżerċita l-fakoltà tagħha skont klawsola 14.2 tal-Ftehim. Skont din il-klawsola:-

> EM may terminate this Agreement immediately, if (i) the Operator fails to pay any amount due to be paid in accordance with this Agreement and such breach is not rectified within 7 days from the date of the first written notice from EM.

8. B'hekk, fit-12 ta' Lulju 2022, EveryMatrix bagħtet ittra lil Tipbet fejn informatha li EveryMatrix kienet qiegħda tittermina l-Ftehim skont klawsola 14.2, b'effett mis-27 ta' Ġunju 2022, u dan minħabba n-nuqqas ta' Tipbet li tħallas il-pagamenti miftiehma. EveryMatrix informatha wkoll li kienet qiegħda tirriserva d-dritt tagħha li tipproċedi ġudizzjarjament kontra Tipbet sabiex tottjeni l-flus dovuti lilha.[5]

9. Peress li Tipbet baqgħet ma ħallsitx l-ammont dovut, fid-19 ta' Lulju 2023, EveryMatrix sejħet lil Tipbet sabiex tħallas is-somma ta' €54,050.71[6], did-darba permezz ta'ittra uffiċjali. Mal-ittra uffiċjali ġie mehmuż rendikont, fejn ġiet spjegata l-figura msemmija.[7]

10. Minkejja din l-ittra uffiċjali, Tipbet baqgħet inadempjenti. Għalhekk fl-24 ta' Lulju 2023, EveryMatrix ppreżentat rikors ġuramentat b'talba sabiex il-Qorti tikkundanna lis-soċjetà intimata biex tħallas id-dejn ta' €54,050.71.

11. Matul il-proċedimenti, xehed il-Head of Accounting ta' EveryMatrix, Ionut Vintila, permezz ta' affidavit.[8] Huwa spjega li s-somma ta' €54,050.71 hija kompriża fis-somma

---

[5] Ara l-ittra tat-12 ta' Lulju 2022 minn EveryMatrix lil Tipbet, f'paġni 70-71.
[6] Hemm żball fejn l-ittra ssemmi l-ammont dovut f'termini ta' ċifra.
[7] Ara l-ittra uffiċjali tad-19 ta' Lulju 2023 minn EveryMatrix lil Tipbet, b'numru 3115/2023.
[8] Ara l-affidavit ta' Ionut Vintila, Head of Accounting ta' EveryMatrix, f'paġni 81-82.

ta' €27,550.71, li tirrappreżenta servizzi reżi minn EveryMatrix. Minn din tnaqqset is-somma ta' €21,000 cioè d-depożitu li Tipbet kienet ħallset meta ġie ffirmat il-Ftehim. Ġiet miżjuda s-somma ta' €48,000, rappreżentanti ħlasijiet dovuti minħabba l-fatt li l-Ftehim ġie tterminat qabel ma skada t-terminu stipulat fil-Ftehim.

12. Fl-affidavit tad-direttur ta' EveryMatrix, Ebbe Groes, huwa jispjega r-raġunament wara l-ħlas ta' €48,000:-

> Logically, since it takes time to break even on a client, EveryMatrix imposes a minimum term such as is the case with Tipbet. Therefore, should Tipbet terminate the Agreement prior to the agreed term, the monthly fees would in any case be due by Tipbet in favour of EveryMatrix in line with clause 13 of the Agreement which is solely intended to offer financial protection to EveryMatrix. Equally, since Tipbet caused the early termination of the Agreement due to a material breach, the monthly fixed fees for the notice period (equivalent to 12 months) should in any case be due by Tipbet in favour of EveryMatrix.[9]

**Analiżi**

13. Jibda billi jiġi mfakkar li l-kontumaċja tas-soċjetà intimata ma tammontax għal ammissjoni, u għalhekk is-soċjetà rikorrenti m'hijiex meħlusa milli tressaq provi sal-grad almenu ta' probabbilità, u li tressaq l-aħjar prova in sostenn tat-talbiet tagħha. Il-Qorti tibqa' tenuta li teżamina jekk it-talbiet ta' EveryMatrix humiex ġustifikati, indipendentement mill-kontumaċja tas-soċjetà intimata.[10]

14. Meħud kont ta' dan, jidher li s-somma ta' €27,550.71 rappreżentanti s-servizzi reżi minn EveryMatrix hija tassew dovuta; madanakollu ma jistax jingħad l-istess għas-somma ta' €48,000, li qiegħda titlob EveryMatrix għaliex il-Ftehim ġie tterminat qabel it-terminu miftiehem. Skont klawsola 13 tal-Ftehim – cioè l-klawsola li ġiet iċċitata mid-direttur ta' EveryMatrix, Ebbe Groes fl-affidavit tiegħu:-

> In the event that the Operator decides to terminate the Agreement prior to the above-specified terms, the Operator shall continue to be responsible for payment of the monthly fixed fees and minimum fees for the EM Services until the end of the notice period. For the avoidance of doubt, this clause shall apply also in the event that the Operator opts to terminate prior to Launch.

---

[9] Ara l-affidavit ta' Ebbe Groes, direttur tas-soċjetà rikorrenti, f'paġni 77-80.
[10] Ara 990/2001, *Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*, Qorti tal-Appell, deċiża 22 ta' Novembru 2002; 138/2000, *Joseph Vella vs Pierre Cremona*, Qorti tal-Appell, deċiża 10 ta' Ottubru 2003; 273/2003, *Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et*, Qorti tal-Appell, deċiża 22 ta' Ġunju 2005.

15. Din il-klawsola tgħid li "the monthly fixed fees and minimum fees for the EM Services until the end of the notice period" ikunu dovuti f'każ li Tipbet tittermina l-Ftehim qabel ma jiskadi t-terminu stipulat. Ma jingħadx li dawn il-pagamenti jkunu dovuti wkoll f'każ li EveryMatrix tittermina l-Ftehim, hekk kif fil-fatt għamlet fil-każ preżenti - anke jekk dan seħħ minħabba n-nuqqasijiet ta' Tipbet. Minn dan wieħed forsi jista' jasal għall-konklużjoni li l-ħlas sat-tmien tan-'notice period' hu dovut biss f'każ li Tipbet iġġib il-Ftehim fit-tmien. B'danakollu, il-qorti m'għandhiex bżonn tieħu veduta dwar l-interpretazzjoni ta' din il-klawsola għaliex hemm klawsola oħra li fiha r-risposta.

16. F'klawsola 15 tal-Ftehim, li tikkonċerna l-obbligi ta' ħlas ta' Tipbet mat-terminazzjoni jew l-iskadenza tal-Ftehim, imbagħad jingħad dan li ġej:-

> In the event of expiry or termination of this Agreement for any reason, neither Party shall be released from the obligation to make payment of any amounts accrued up to the date of expiry or effective date of termination, whichever is the later. Upon expiry or termination of this Agreement a final balancing shall be made between the Parties, payable within ten (10) days from the invoice date.

17. Skont din il-klawsola, Tipbet hija obbligata tħallas l-ispejjeż akkumulati, iżda mhux imħallsa, sad-data tat-terminazzjoni tal-Ftehim; mentri EveryMatrix qiegħda tfittex il-ħlas għal ħlas li, in effett, hu forma ta' danni pre-likwidati (anki jekk ma jissemmewx hekk) minħabba li kellha tittermina l-Ftehim qabel il-waqt.

18. Imma l-Ftehim ma jagħtix lil EveryMatrix dritt għal tali ħlas, u għalhekk it-talba tagħha f'dan ir-rigward ma tistax tintlaqa'.

19. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ser tikkundanna lil Tipbet tħallas biss is-somma ta' €27,550.71 rappreżentanti s-servizzi reżi minn EveryMatrix, li għalihom ma sarx ħlas. Fid-dawl tal-fatt li EveryMatrix ser tkun qiegħda żżomm id-depożitu ta' Tipbet bħala ħlas parzjali tad-dejn ta' Tipbet, minn din is-somma għandu jitnaqqas l-ammont ta' €21,000. B'hekk is-somma dovuta minn Tipbet tammonta għal €6,550.71.

**Parti deċiżiva**

20. Għaldaqstant, il-Qorti:-

(i) Tilqa' l-ewwel talba limitament, u tiddikjara li s-soċjetà intimata hija debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta €6,550.71, rappreżentanti l-ammont dovut abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt imsemmi '*Software Service Agreement*' datat it-tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), u dana wara tpaċija kontra d-depożitu li Tipbet kienet ħallset lil EveryMatrix;

(ii) Tilqa' t-tieni talba limitament, u tikkundanna u tordna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' €6,550.71.

Bl-imgħax mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali 3115/2023, kontra s-soċjetà intimata.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur